MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tat-8 ta' Ottubru, 2012

Rikors Numru. 383/2012

**AB**
**vs**
**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li permezz tieghu ir-rikorrenti ippremettiet :

Illi l-partijiet izzewgu nhar id-9 ta’ Novembru 1996 u dan kif inhu evidenzjat mic-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok MRC1;

Illi frott ta’ dan iz-zwieg twieldet il-minuri X li llum il-gurnata ghandha 15-il sena;

Illi l-partijiet, ghalkemm kienu jghixu taht l-istess saqaf, ilhom jghixu hajja separata u mhux bhala mizzewgin sa mis-sena 2000;

Illi l-istess partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt pubbliku datat it-13 ta' Lulju 2009 redatt fl-Atti tan-Nutar Dr Anna-Marie Tonna (ara Dok MRC2 hawn anness);

Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante li minbarra li ilhom snin twal mifrudin de facto, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin u sahansitra ffuramaw rabtiet ma persuni ohrajn / familji godda;

Illi l-manteniment dovut ghall-minuri mill-intimat CD u cioe' l-ammont ta' sebghin Euro (€70) fix-xahar jithallas b'mod regolari filwaqt li l-ammont ta' erbgha u ghoxrin Euro (€24) fix-xahar rapprezentanti l-manteniment tar-rikorrenti jithallas ukoll b'mod regolari u ghaldaqstant, ma hemm ebda problema relattiva ghal tali manteniment. Dan qieghed jinghad ukoll in vista tal-fatt li tali manteniment (kemm dak versu l-minuri kif ukoll dak versu r-rikorrenti) jithallas permezz ta' standing order;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib ta' divorzju skond l-Artikolu 66 B tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talbet li l-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja d-divorzju, ossia l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet.

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat id-digriet taghha tas-17 ta' Lulju, 2012;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat illi ir-rikorrenti ikkonfermat ir-rikors taghha bil-gurament u illi l-intimat ipprezenta Nota fit-3 ta' Awissu 2012 illi permezz taghha bil-gurament tieghu ammetta t-talba hekk kif dedotta mir-rikorrenti fir-rikors promotur;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ghalkemm kienu jghixu taht l-istess saqaf ilhom jghixu hajja separata u mhux bhala mizzewgin sa mis-sena 2000 u illi ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Ir-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda problema fir-rigward ta' manteniment illi jhallas l-intimat;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------